MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru. 708/2009

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Miriam Caruana, bint Sally Caruana, imwielda Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1983, Karta ta' l-identita numru 14784(M)
u
Emanuel Cassar, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-4 ta' Ottubru, 1974, Karta ta' l-identita numru 49767(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-14 ta' Frar, 2009 għal ħabta tas-7.30 p.m. ġewwa l-Belt, Valletta –
1. ikkomettew serq ta' flus kontanti li jeċċedi l-ammont ta' €232.93 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 minn ġewwa l-ħanut bl-isem ta' 'Mohnans', liema reat hu

aggravate bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu ta' Kisinchand Mohnani;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt;
lil **Miriam Caruana**, waħedha –
talli kisret il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali billi kkomettiet reat li għalih hem mil-piena tal-priġunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiża għal sena, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Jannar, 2009.
Lil **Emanuel Cassar**, waħdu –
talli rrenda ruħu reċidiv f'serq b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil **Miriam Caruana** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 48A tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputata ammettiet fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u nfurmat l-Qorti li ser trod lura l-flus misruqa. Għalhekk, ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputata li trodd lura s-somma ta' elf euro (€1,000) 'in solidum' lil Kisinchand Mohnani, flus misruqa minnha u minn l-imputat l-ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta' sena skond is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar, 2009 jerġa jibda jiddekorri mil-lum stess.

Issib lil **Emanuel Cassar** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 48A tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u nforma l-Qorti li ser irodd lura l-flus misruqa. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jrodd lura s-somma ta' elf euro (€1,000) 'in solidum' lil Kisinchand Mohnani, flus misruqa minnu u minn l-imputata l-oħra fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------